MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2001

Talba Numru. 1146/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance Plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha M. Demajo (Playthings) Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Ligi.**

**Vs**

**Concorde International Freight Forwarders Limited**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm572.87c (hames mija u tnejn u sebghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) rappresentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lil assigurata taghhom u tas-survey relattiv waqt li dawn kienu fil-kura u kustodja tal-konvenuti liema konsenja waslet Malta fid-9 ta' Ottubru, 2000.

Ra r-risposta fejn is-socjeta' konvenuta qalet li ma kienetx responsabbli ghad-danni; li l-konvenuti taw lill-attur dak il-materjal li rcevew fl-istess kondizzjoni li rcevewh; l-atturi jridu jippruvaw li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni allegati; f'kull kaz skond is-CMR rules l-ammont indikat huwa ezagerat peress li r-responsabilita tas-socjeta' trasportatrici hi limitata.

Ra d-dokumenti esebiti u sema x-xhieda.

Ikkunsidra li s-socjeta' assikurata mad-ditta attrici riedet timporta merkanzija gewwa Malta. Illi meta waslet f'Malta din il-merkanzija kien hemm hafna nuqqasijiet.

Albert Tedesco xehed li s-socjeta' assikurata mad-ditta attrici kien qabbad lis-socjeta' konvenuta sabiex titrasporta l-merkanzija in kwistjoni. Skond dan ix-xhud il-ftehim kien li s-socjeta' konvenuta ggib din il-merkanzija mis-supplier sal-bieb tas-socjeta' M. Demajo.

Ix-xhud ikkonferma li s-socjeta' attrici hallset id-danni u giet surrogata.

Alfred Bone ghas-socjeta' konvenuta qal li t-trailer wasal Malta bis-sigilli intatti. Dan kien grupage trailer. Alfred Bone qal li s-socjeta' konvenuta taccetta li kien hemm nuqqasijiet fil-merkanzija in kwistjoni. Alfred Bone qal li s-socjeta' konvenuta kellha ggorr il-merkanzija mill-agent taghhom sa Malta u mhux mill-warehouse tal-esportatur.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta gie sottomess li meta wasal t-trailer f'Malta kien hemm is-sigilli intatt. Ghalhekk tghid l-istess konvenuta l-merkanzija kienet diga nieqsa qabel mal-merkanzija taghbiet fit-trailer.

Is-socjeta konvenuta qalet ukoll li skond il-kuntratt ta' xiri bejn l-attur u s-supplier tieghu fl-Ingliterra l-attur kellu tlett ijiem biex jinforma s-supplier bin-nuqqas.

Fin-nota taghha s-socjeta' attrici ssotomettiet li s-socjeta' konvenuta ma gabitx prova li s-sigilli kienu intatti meta wasal it-trailer f'Malta. S-socjeta' konvenuta ma resqet ebda xhud li kien prezenti meta nfetah it-trailer.

Ra l-Waybill li gie esebit mis-socjeta' konvenuta.

Illi skond il-Waybill l-agent tas-socjeta' konvenuta rcieva l-merkanzija kif elenkat fl-istess Waybill. Illi jekk is-socjeta' konvenuta (jew l-agent taghha) kellha xi dubju dwar jekk l-items kollha kienu fit-trailer fil-bidu tat-tragitt missha vverifikat hi.

Illi ghalhekk billi s-socjeta' konvenuta naqset li ggib prova dwar jekk kienux intatti s-sigilli; billi f'kull kaz is-socjeta' konvenuta accettat li rceviet l-items imsemmija fl-Waybill minghajr kummenti u billi s-socjeta' konvenuta ma resqet ebda prova dwar responsabilita limitata l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu michuda.

Illi ghaldaqsant jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jordna lill-konvenut ihallas Lm572.87c (hames mija u tnejn u sebghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) lis-socjeta' attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz (23 ta' Ottubru 2001).

--------------------------------TMIEM--------------------------------